

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija*

PROVIŻORJU  
2007/0029(COD)

7.6.2007

## **ABBOZZ TA' OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li  
jistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-akkreditazzjoni u s-sorveljanza tas-suq dwar it-  
tqegħid ta' prodotti fis-suq  
(COM(2007)0037 – C6-0068/2007 – 2007/0029(COD))

Rapporteur għal opinjoni: John Purvis

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-rapporteur għal opinjoni jilqa' l-proposta għal regolament dwar l-akkreditazzjoni u s-sorveljanza tas-suq fil-kuntest tat-tqegħid fis-suq ta' prodotti fil-Komunità, u l-proposta għal deċiżjoni dwar qafas komuni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li takkumpanjaha. Dawn huma mfassla biex jiffaċilitaw l-operat tas-suq intern tal-prodotti waqt li jiżguraw li l-prodotti li ddaħħlu u kienu ċċirkolati fis-suq intern huma sikuri.

**Ir-Regolament** jibni fuq sistemi li diġà jeżistu fl-Istati Membri; jintroduċi regoli aktar b'saħħithom dwar is-sorveljanza tas-suq biex jiffiltra prodotti mhux sikuri, inklużi l-importazzjonijiet; u jsaħħaħ l-irwol ta' l-akkreditazzjoni għall-korpi ta' l-evalwazzjoni tal-konformità u b'hekk isaħħaħ il-fiduċja fl-evalwazzjoni tal-konformità tal-prodott.

Għalkemm ir-rapporteur għal opinjoni, kif jingħad hawn fuq, jilqa' l-proposti, huwa tal-fehma li għad hemm lok għal aktar titjib u għalhekk jipproponi emendi tat-tip ta' dawn li ġejjin:

- Xi definizzjonijiet, bħal "jista' jinkiseb mis-suq" u "li jidħlu fis-suq Komunitarju" iridu jkunu iċċarati; definizzjonijiet ġodda dwar "evalwazzjoni tal-konformità"; "korp ta' l-evalwazzjoni tal-konformità" jridu jkunu introdotti; il-koerenza bejn id-definizzjonijiet fir-Regolament u fid-Deċiżjoni trid tkun żgurata. L-Artikolu 2 tar-Regolament għaldaqstant huwa emendat f'dan is-sens.
- Dwar il-lat istituzzjonali: ir-regoli ta' l-akkreditazzjoni transkonfinali għandhom jiġu ssimplifikati, waqt li fl-istess ħin ikun żgurat li ż-żieda fil-kompetizzjoni transkonfinali ma jkollieq bħala riżultat standards aktar baxxi ta' akkreditazzjoni; organizzazzjonijiet nazzjonali għall-ħarsien tal-konsumatur għandhom ikunu involuti fil-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti; l-awtoritajiet tad-dwana, li huma l-ewwel linja ta' difiża rigward l-importazzjonijiet, iridu jiġu msaħħa u mgħammra b'riżorsi xierqa. L-Artikoli 6 u 24 tar-Regolament huma għalhekk emendati b'dan il-mod.
- Id-dispożizzjonijiet tad-direttivi eżistenti li jikkonċernaw numri ta' identifikazzjoni u listi ta' korpi notifikati kienu aġġornati sabiex tingħata ċertezza legali immedjata lill-applikazzjoni Prattika Attwali tal-proċedura ta' notifika.
- Għal dak li għandu x'jaqsam mal-proċeduri: ċerti drittijiet ta' l-awtoritajiet kompetenti (eż. id-dritt li jieħdu kampjuni minn prodotti anke qabel jirċievu l-ilmenti) iridu jkunu msaħħa; sabiex ikunu evitati piżijiet burokratiċi żejda, fatturi oħra bħad-daqs ta' kumpanija, il-komplessità relattiva tat-teknoloġija użata, u jekk prodott huwiex jew le riżultat ta' produzzjoni ta' prodott uniku jew ta' produzzjoni ta' serje ta' prodotti għandhom jitqiesu meta jsiru proċeduri ta' konformità. L-Artikoli 2, 7 u 17 tar-Regolament huma emendati b'dan il-mod. L-impatt ekonomiku għandu jitqies ukoll qabel l-awtoritajiet jiddeċiedu li jneħħu prodott mis-suq - kwalunkwe azzjoni li tittieħed għandha tkun proporzjonali mal-livell ta' riskju. L-operaturi ekonomiċi għandu wkoll ikollhom id-dritt li jirreaġixxu għal deċiżjoni bħal din, u jappellaw jekk hemm bżonn. Għalhekk l-Artikoli 2 u 19 kienu emendati. L-Artikolu 16 kien emendat

biex jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li jkun hemm proċeduri li jivverifikaw li azzjonijiet korrettivi jkunu fil-fatt imwettqa.

- Il-Premessa 30a u l-Artikolu 34 tar-Regolament, kif ukoll l-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni huma emendati sabiex ikun żgurat aktar involviment tal-partijiet interessati u ta' l-organizzazzjonijiet professjonali.
- Sabiex ikunu evitati "kriterji doppji" (jiġifieri sett ta' rekwiżiti introdott mid-Direttiva 2001/95/KE dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (GPSD), u sett ieħor introdott mill-proposta attwali) u biex ikun żgurat il-livell oġġha ta' ħarsien introdott minn din il-proposta, l-eżenzjoni stipulata fl-Artikolu 13 (2) tar-Regolament għandha titneħħa. L-eċċezzjonijiet elenkati fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni wkoll għandhom jitneħħew għaliex din hija deċiżjoni *sui generis* diretta lejn il-leġiżlatur u għalhekk mhix applikabbli b'mod dirett.
- Il-marka CE teħtieġ protezzjoni aħjar. It-tifsira tagħha ta' konformità ma' standards regolatorji ta' l-UE mhux dejjem tinftiehem tajjeb. Bħala riżultat, numru dejjem jikber ta' prodotti bil-marka CE fil-fatt ma jikkonformax mal-leġiżlazzjoni rilevanti. Huwa fl-interess komuni tal-manifatturi, tan-negozjanti u tal-konsumaturi li jkun hemm regoli ċari dwar il-marka CE. Sabiex dawn ir-regoli jkunu applikati immedjatament u mhux ikunu suġġetti għal leġiżlazzjoni nazzjonali futura, l-Artikoli 16-17 tad-Deċiżjoni għandhom jiddaħħlu fir-Regolament.
- L-Artikoli 4 u 16 kienu emendati biex tkun enfasizzata l-importanza tat-trasparenza fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-indipendenza ta' l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill- Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Test propost mill-Kummissjoni<sup>1</sup>

Emendi tal-Parlament

Emenda 1  
Premessa 23

***(23) Id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà ġenerali ta' prodott stabbiliet qafas ta' sorveljanza tas-suq u kooperazzjoni amministrattiva dwar prodotti għall-***

***imħassra***

<sup>1</sup> Għadu mhux ippubblikat fil-ĠU.

***konsumatur. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar is-sorveljanza tas-suq m'għandhomx japplikaw għal prodotti kif definit fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2001/95/KE sa fejn jikkonċerna s-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi.***

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex ikunu evitati "kriterji doppji" (jiġifieri sett ta' rekwiżiti introdott mid-Direttiva 2001/95/KE dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (GPSD), u sett ieħor introdott mill-proposta attwali) u biex ikun żgurat il-livell oġġla ta' ħarsien introdott minn din il-proposta, l-eżenzjoni stipulata għandha titneħħa. Il-linja ta' demarkazzjoni bejn il-prodotti għall-użu tal-konsumaturi u dawk għall-użu professjonali mhix ċara, u distinzjoni bħal din tista' twassal għal proċeduri u responsabilitajiet xejn ċari. Għalhekk l-Artikolu 13 paragrafu 2 u l-premessa korrispondenti jridu jitneħħew.*

Emenda 2  
Premessa 24

(24) Il-kooperazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti fuq livell nazzjonali u bejn il-fruntieri fil-bdil ta' informazzjoni, l-investigazzjoni ta' vjolazzjonijiet u t-teħid ta' azzjoni biex jieqfu l-vjolazzjonijiet hija essenzjali għall-protezzjoni tas-saħħa u sigurtà u biex ikun garantit li s-suq intern jaħdem mingħajr xkiel.

(24) Il-kooperazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti fuq livell nazzjonali u bejn il-fruntieri fil-bdil ta' informazzjoni, l-investigazzjoni ta' vjolazzjonijiet u t-teħid ta' azzjoni biex jieqfu l-vjolazzjonijiet hija essenzjali għall-protezzjoni tas-saħħa u sigurtà u biex ikun garantit li s-suq intern jaħdem mingħajr xkiel. ***L-awtoritajiet nazzjonali għall-ħarsien tal-konsumatur għandhom jikkoperaw, fil-livell nazzjonali, ma' l-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq u għandhom jaqsmu magħhom informazzjoni dwar il-prodotti li huma jissuspettaw li jistgħu jkunu ta' riskju.***

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba li konsumaturi individwali normalment jirrikorru għand l-awtoritajiet nazzjonali għall-ħarsien tal-konsumatur f'każ ta' problemi rigward kwalità jew sikurezza, l-informazzjoni rilevanti għanda tingħadda lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq biex forsi jkun hemm segwitu.*

Emenda 3  
Premessa 30 a (ġdida)

**(30a) L-Istati Membri jistgħu jqisu utli l-istabbiliment ta' ftehimiet ta' koperazzjoni mal-partijiet interessati, b'mod partikulari ma' organizzazzjonijiet professjonali fis-settur, sabiex japprofittaw minn informazzjoni disponibbli dwar is-suq meta jistabbilixxu, jimplimentaw jew jaġġornaw programmi ta' sorveljanza tas-suq.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*F'xi Stati Membri diġà hemm koperazzjoni mal-partijiet interessati; l-għan ta' din l-emenda huwa li jinkoraġġixxi din il-prattika tajba u jiżgura li ma tinżammx milli ssir fi Stat Membru minħabba leġiżlazzjoni mhux ċara.*

#### Emenda 4 Premessa 30 b (ġdida)

**(30b) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm proċeduri ta' appell adegwati rigward miżuri meħuda minn awtoritajiet kompetenti li jillimitaw it-tqegħid fis-suq ta' prodotti jew jeħtieġu l-irtirar jew it-teħid lura tagħhom.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Jekk Stat Membru jitlob lill-manifattur biex jieħu lura prodott, li aktar tard jinstab li jkun konformi, l-operatur ekonomiku għandu jkollu aċċess għall-appell kontra l-Istat Membru, jew l-Istati Membri, li jkun għamel, jew ikunu għamlu, it-talba. Dan it-test huwa bbażat fuq il-Premessa 37 tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti u, għaldaqstant, mhux kunċett ġdid jew li ma kienx ippruvat qabel.*

#### Emenda 5 Premessa 36 a (ġdida)

**(36a) Il-marka CE, li hija prova tal-konformità ta' prodott, hija l-konsegwenza viżibbli ta' proċess sħiħ ta' evalwazzjoni mfassal biex jivverifika l-konformità f'sens wiesa'. Prinċipji ġenerali li jirregolaw l-użu tal-marka CE u r-regoli biex din titwählal, li għandhom japplikaw fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja li tarmonizza l-użu ta' dik il-marka, għandhom għalhekk**

**ikunu stipulati f'dan ir-Regolament.**

*Ġustifikazzjoni*

*Il-marka CE teħtieġ protezzjoni aħjar. Peress li t-tifsira tal-marka CE mhix mifhuma sew, qed jiżdiedu l-prodotti li jkollhom il-marka CE iżda ma jikkonformawx mal-leġiżlazzjoni rilevanti. Għalhekk huwa fl-interess komuni tal-manifatturi, tan-negozjanti u tal-konsumaturi li jkun hemm regoli ċari dwar il-marka CE. Sabiex dawn ir-regoli jibdew jiġu applikati mill-ewwel u mhux ikunu suġġetti għal leġiżlazzjoni futura, l-Artikoli 16 u 17 tad-Deċiżjoni (COM(2007)053) u l-premessi li jikkorrispondu għalihom għandhom jiddaħħlu fir-Regolament.*

Emenda 6

Premessa 36 b (ġdida)

***(36b) Huwa essenzjali li jkun ċar kemm għall-manifatturi u kemm għall-utenti li permezz tat-twaħħil tal-marka CE fuq prodott, il-manifattur tiegħu qiegħed jiddikjara li l-prodott huwa konformi mar-rekwiżiti applikabbli kollha u li jaċċetta r-responsabilità sħiħa għalih.***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-marka CE teħtieġ protezzjoni aħjar. Peress li t-tifsira tal-marka CE mhix mifhuma sew, qed jiżdiedu l-prodotti li jkollhom il-marka CE iżda ma jikkonformawx mal-leġiżlazzjoni rilevanti. Għalhekk huwa fl-interess komuni tal-manifatturi, tan-negozjanti u tal-konsumaturi li jkun hemm regoli ċari dwar il-marka CE. Sabiex dawn ir-regoli jibdew jiġu applikati mill-ewwel u mhux ikunu suġġetti għal leġiżlazzjoni futura, l-Artikoli 16 u 17 tad-Deċiżjoni (COM(2007)053) u l-premessi li jikkorrispondu għalihom għandhom jiddaħħlu fir-Regolament.*

Emenda 7

Premessa 36 c (ġdida)

***(36c) Il-protezzjoni legali li toffri l-marka CE, li ġejja mir-reġistrazzjoni tagħha bħala marka kollettiva Komunitarja, tippermetti lill-awtoritajiet pubbliċi li jiżguraw infurzar xieraq u li jieħdu azzjoni legali kontra l-ksur.***

### *Ġustifikazzjoni*

*Il-marka CE teħtieġ protezzjoni aħjar. Peress li t-tifsira tal-marka CE mhix mifhuma sew, qed jiżdedu l-prodotti li jkollhom il-marka CE iżda ma jikkonformawx mal-leġiżlazzjoni rilevanti. Għalhekk huwa fl-interess komuni tal-manifatturi, tan-negozjanti u tal-konsumaturi li jkun hemm regoli ċari dwar il-marka CE. Sabiex dawn ir-regoli jibdeu jiġu applikati mill-ewwel u mhux ikunu suġġetti għal leġiżlazzjoni futura, l-Artikoli 16 u 17 tad-Deċiżjoni (COM(2007)053) u l-premessi li jikkorrispondu għalihom għandhom jiddaħħlu fir-Regolament.*

### Emenda 8 Artikolu 2, punt 1

(1) “jista’ jinkiseb mis-suq” tfisser kull provvista ta’ prodott għal distribuzzjoni, konsum jew użu fis-suq Komunitarju waqt attività kummerċjali, kemm bi ħlas u kemm jekk ħlas;

1) “jista’ jinkiseb mis-suq” tfisser kull provvista ta’ prodott għal distribuzzjoni jew konsum fis-suq Komunitarju waqt attività kummerċjali, kemm bi ħlas u kemm **jekk bla ħlas eskluż l-assemblaġġ ta’ prodotti għall-użu personali waqt attività professjonali u l-inkorporazzjoni ta’ partijiet fi prodott finali li se jkun disponibbli fis-suq;**

### *Ġustifikazzjoni*

*Din il-kjarifika se tnaqqas il-piżijiet amministrattivi u finanzjari eċċessivi għall-ħaddiema tas-sengħa u għall-intrapriżi ta’ daqs żgħir u medju (meta jkunu qed jgħaqqdu prodotti għall-użu tagħhom stess jew jimmanifatturaw prodotti biex ikunu integrati fi prodott finali). Din iż-żieda hija wkoll konformi ma’ dispożizzjoni li hemm fil-‘Guidance Paper M’ (Mejju 2005) tad-Direttiva dwar il-prodotti għall-bini (89/106 KEE) li tittratta il-konformità.*

### Emenda 9 Artikolu 2, punt 2 a (ġdid)

**(2a) " li jidħlu fis-suq Komunitarju" tfisser il-preżentazzjoni għall-iżdoganar fi fruntiera tal-Komunità;**

### *Ġustifikazzjoni*

*Din id-definizzjoni tiċċara t-tifsira ta’ l-espressjoni "prodotti li jidħlu fis-suq Komunitarju" użata fil-Kapitolu III, Sezzjoni 3 tar-Regolament. Hemm differenza bejn operaturi ekonomiċi li jqiegħdu prodott fis-suq għall-ewwel darba, u għalhekk huma responsabbli milli jiżguraw li jkun konformi mal-leġiżlazzjoni ta’ l-UE, u distributuri li jiddistribwixxu prodotti li diġà qed jinbiegħu fis-suq Komunitarju. Dan it-terminu jintuża fl-Artikolu 24 u għalhekk definizzjoni hija utli għar-riferenza.*

Emenda 10  
Artikolu 2, punt 11 a (ġdid)

***(11a) "korp ta' l-evalwazzjoni tal-konformità" tfisser korp li jagħmel attivitajiet ta' evalwazzjoni tal-konformità (ġeneralment laboratorji, korpi ta' ispezzjoni, u korpi ta' ċertifikazzjoni);***

*Ġustifikazzjoni*

*It-terminu "korp ta' l-evalwazzjoni tal-konformità" għandu jiżdied ladarba dan it-terminu jintuża ħafna fir-Regolament. Id-definizzjoni ttieħdet minn ISO/IEC 17000:2004 'Conformity assessment – Vocabulary and general principles'.*

Emenda 11  
Artikolu 2, punt 13 a (ġdid)

***(13a) "l-evalwazzjoni tal-konformità" tfisser li jkun żgurat jekk rekwiżiti speċifikati marbuta ma' prodott, proċess, sistema, persuna jew korp kinux sodisfatti.***

*Ġustifikazzjoni*

*It-terminu "korp ta' l-evalwazzjoni tal-konformità" għandu jiżdied ladarba dan it-terminu jintuża ħafna fir-Regolament. Id-definizzjoni ttieħdet minn ISO/IEC 17000:2004 'Conformity assessment – Vocabulary and general principles'.*

Emenda 12  
Artikolu 4, paragrafu 6

6. Il-korp nazzjonali ta' l-akkreditazzjoni għandu jopera mingħajr profitt. M'għandux joffri attivitajiet jew jagħti servizzi li korpi ta' l-evalwazzjoni tal-konformità joffru jew jagħtu, lanqas m'għandu jagħti servizzi ta' konsulenza.

6. Il-korp nazzjonali ta' l-akkreditazzjoni għandu jopera mingħajr profitt. M'għandux joffri attivitajiet jew jagħti servizzi li korpi ta' l-evalwazzjoni tal-konformità joffru jew jagħtu, lanqas m'għandu jagħti servizzi ta' konsulenza, ***lanqas ma' jista' jkun propjetarju ta' ishma f'korp ta' l-evalwazzjoni tal-konformità.***

## *Ġustifikazzjoni*

*Iridu jittieħdu miżuri li jiżguraw l-indipendenza kemm tal-korp nazzjonali ta' l-akkreditazzjoni kif ukoll tal-korpi ta' l-evalwazzjoni tal-konformità; u l-lista ta' dawn il-miżuri trid tkun ikkompletata ma' dik li tiggarantixxi separazzjoni finanzjarja.*

### Emenda 13 Artikolu 6

**1. Fejn** korp ta' l-evalwazzjoni tal-konformità **jitlob** akkreditazzjoni, **huwa għandu jagħmel dan mal-**korp nazzjonali ta' l-akkreditazzjoni ta' l-Istat Membru fejn ikun stabbilit jew **mall-**korp nazzjonali ta' l-akkreditazzjoni **li dak l-Istat Membru jkun irrikorra għandu skond l-Artikolu 4 (2).**

**Iżda, korp ta' l-evalwazzjoni tal-konformità jista' jitlob akkreditazzjoni mingħand korp nazzjonali ta' l-akkreditazzjoni barra dawk imsemmijin fl-aħħar sotto-paragrafu f'kull waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet li ġejjin:**

**(a) fejn l-Istat Membru li fih huwa jkun stabbilit jiddeċiedi li ma jwaqqafx korp nazzjonali ta' l-akkreditazzjoni u ma rrikorriex għand korp nazzjonali ta' l-akkreditazzjoni ta' Stat Membru ieħor skond l-Artikolu 4 (2);**

**(b) fejn il-korpi nazzjonali ta' l-akkreditazzjoni msemmijin fl-ewwel sotto-paragrafu ma jagħmlux l-akkreditazzjoni fir-rigward ta' attivitajiet ta' l-evalwazzjoni tal-konformità li għalihom tkun intalbet l-akkreditazzjoni;**

**(c) fejn il-korpi nazzjonali ta' l-akkreditazzjoni msemmijin fl-ewwel sotto-paragrafu ma jkunux għadhom għamlu, jew ma jkunux irnexxielhom jagħmlu l-evalwazzjoni tal-parità skond l-Artikolu 9 dwar attivitajiet ta' l-evalwazzjoni tal-konformità li għalihom tkun intalbet l-akkreditazzjoni.**

2. Fejn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jirċievi talba **skond il-paragrafu 1 (b) jew (c), huwa għandu jgħarraf lill-korp**

**1. Korp ta' l-evalwazzjoni tal-konformità jista' jitlob** akkreditazzjoni **mill-**korp nazzjonali ta' l-akkreditazzjoni ta' l-Istat Membru fejn ikun stabbilit jew **minn** korp nazzjonali ta' l-akkreditazzjoni **ieħor.**

2. Fejn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jirċievi talba **għall-akkreditazzjoni minn korp ta' l-evalwazzjoni tal-konformità**

nazzjonali ta' l-akkreditazzjoni ta' l-Istat Membru fejn il-korp ta' l-evalwazzjoni tal-konformità li jkun għamel it-talba jkun stabbilit. ***F'każijiet bħal dawn, il-korp nazzjonali ta' l-akkreditazzjoni ta' l-Istat Membru fejn il-korp ta' l-evalwazzjoni tal-konformità li jkun għamel it-talba jkun stabbilit jista' jkun jeħtieġlu jieħu sehem bħala osservatur.***

3. Korp nazzjonali ta' l-akkreditazzjoni ***jista' jitleb lil korp nazzjonali ieħor ta' l-akkreditazzjoni biex jesegwixxi parti mill-attività ta' l-evalwazzjoni. F'dak il-każ, iċ-ċertifikat ta' l-akkreditazzjoni għandu jinħareġ mill-korp li jagħmel it-talba.***

***stabbilit fi Stat Membru ieħor***, huwa għandu jgħarraf lill-korp nazzjonali ta' l-akkreditazzjoni ta' l-Istat Membru fejn il-korp ta' l-evalwazzjoni tal-konformità li jkun għamel it-talba jkun stabbilit (***minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-korp nazzjonali lokali ta' akkreditazzjoni"***) fejn tali korp jeżisti.

3. ***Fejn korp nazzjonali ta' l-akkreditazzjoni li jirċievi talba skond il-paragrafu 2 jaqbel li jagħti l-akkreditazzjoni, il-korp nazzjonali lokali ta' l-akkreditazzjoni għandu jkun intitolat li jipparteċipa bħala osservatur.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 6 jrid ikun issimplifikat biex jippermetti li l-korpi ta' l-evalwazzjoni tal-konformità jkunu akkreditati fi Stati Membri oħra, iżda rridu niżguraw li dawn ma jistgħux joqogħdu jfittxu fejn jaqblilhom l-aktar u li nevitaw il-kompetizzjoni bejn il-korpi ta' l-akkreditazzjoni.*

#### Emenda 14 Artikolu 7, punt 9 a (ġdid)

***(9a) għandu jiżgura li l-korpi ta' l-evalwazzjoni tal-konformità jwettqu evalwazzjonijiet tal-konformità b'mod proporzjonali, mingħajr ma jitqiegħdu piżijiet mhux meħtieġa fuq l-operaturi ekonomiċi u b'mod partikulari jqis id-daqs ta' l-operatur ekonomiku li qed jagħmel it-talba, il-kumplessità ta' kwalunkwe teknoloġija użata fil-prodott ikkonċernat u jekk il-prodott hux riżultat ta' produzzjoni ta' prodott uniku jew ta' produzzjoni ta' serje ta' prodotti.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex ikun evitat piż żejjed, fatturi oħra bħad-daqs tal-kumpanija, il-kumplessità relattiva tat-teknoloġija użata, u l-karattru tal-produzzjoni bis-serje għandhom jitqiesu meta jwettqu l-proċeduri ta' konformità. Id-dispożizzjoni korrispondenti tal-proposta għad-Deċizzjoni (COM(2007)0053 - Artikolu 22, paragrafu 4, subparagrafu 4a ġdid) dwar qafas komuni dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti huwa emendat f'dan is-sens.*

Emenda 15  
Artikolu 8, punt 2 a (ġdid)

***2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu disponibbli proċeduri ta' appell xierqa kontra deċiżjonijiet meħuda minn korpi nazzjonali ta' l-akkreditazzjoni u korpi ta' l-evalwazzjoni tal-konformità.***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta eżistenti tipprevedi proċedura li permezz tagħha l-Istati Membri iridu jimmoniterjaw il-korpi nazzjonali ta' l-akkreditazzjoni tagħhom regolament u b'hekk l-interess tal-pubbliku, b'mod ġenerali, ikun imħares. Madankollu l-azzjonijiet tal-korpi nazzjonali ta' l-akkreditazzjoni, u l-korpi li jakkreditaw, għandhom impatt dirett fuq l-operaturi ekonomiċi u għalhekk huma wkoll għandu jkollhom mezz ta' appell espliċitu.*

Emenda 16  
Artikolu 13, paragrafu 2

***2. L-Artikoli 12 sa 23 ma għandhomx imħassar japplikaw għal prodotti kif definiti fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2001/95/KE fejn jikkonċernaw is-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi.***

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex ikunu evitati "kriterji doppji" (jiġifieri sett ta' rekwiżiti introdott mid-Direttiva 2001/95/KE, u sett ieħor introdott mill-proposta attwali) u biex ikun żgurat il-livell ogħla ta' ħarsien kif garantit minn din il-proposta, l-Artikoli 14 sa 23 tal-proposta għandhom japplikaw ukoll għall-prodotti definiti fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2001/95/KE. Għalhekk l-Artikolu 13(2) tal-proposta u l-premessa korrispondenti jridu jitneħħew.*

Emenda 17  
Artikolu 16, Paragrafu 1

1. Stati Membri għandhom jassiguraw li jkun hemm komunikazzjoni u koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet differenti kollha tas-sorveljanza tas-suq.

1. Stati Membri għandhom jassiguraw li jkun hemm komunikazzjoni u koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet differenti kollha tas-sorveljanza tas-suq ***taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom.***

### *Ġustifikazzjoni*

*Għandha ssir enfasi dwar il-bżonn ta' koperazzjoni bejn awtoritajiet kompetenti differenti fi Stat Membru (eż. korpi reġjonali differenti, ministeri tal-gvern differenti). Kjarifika biex jingħad li l-Artikolu 16 jirreferi għall-koperazzjoni bejn awtoritajiet differenti ġewwa l-Istati Membri. L-Artikolu 22 jittratta koperazzjoni transkonfinali.*

#### Emenda 18 Artikolu 16, paragrafu 2

2. Stati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri adegwati biex isegwu lmenti jew rapporti dwar riskji li jkun hemm minn prodotti milqutin mil-leġiżlazzjoni Komunitarja armonizzata, jimmonitorjaw aċċidenti u ħsara lis-saħħa li jkunu suspettati li ġraw minħabba dawk il-prodotti u jsegwu u jaġġornaw tagħrif xjentifiku u tekniku dwar affarijiet ta' sigurtà.

2. Stati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri adegwati biex isegwu lmenti jew rapporti dwar riskji li jkun hemm minn prodotti milqutin mil-leġiżlazzjoni Komunitarja armonizzata, jimmonitorjaw aċċidenti u ħsara lis-saħħa li jkunu suspettati li ġraw minħabba dawk il-prodotti u jsegwu u jaġġornaw tagħrif xjentifiku u tekniku dwar affarijiet ta' sigurtà. ***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri xierqa biex jivverifikaw li azzjonijiet korrettivi twettqu b'mod effettiv.***

### *Ġustifikazzjoni*

*Is-sorveljanza tas-suq għandha tiżgura wkoll li jkun hemm segwitu għall-azzjonijiet korrettivi sabiex jinqabdu operaturi ekonomiċi li ma jikkonformawx mal-leġiżlazzjoni Komunitarja apposta, u biex jiżguraw li meta prodott instab li mhux konformi, fil-fatt jitneħħa mis-suq.*

#### Emenda 19 Artikolu 16, paragrafu 4

4. Stati Membri għandhom kull tant żmien jevalwaw u jivvalutaw kif jaħdmu l-attivitajiet tagħhom ta' sorveljanza.

2. Stati Membri għandhom kull tant żmien jevalwaw u jivvalutaw kif jaħdmu l-attivitajiet tagħhom ta' sorveljanza ***u għandhom jipublikaw rapporti dwar dan.***

### *Ġustifikazzjoni*

*Għall-għanijiet tat-trasparenza, ir-riżultati tar-reviżjoni u l-evalwazzjoni ta' l-attivitajiet ta' sorveljanza għandhom ikunu pubbliċi.*

#### Emenda 20 Artikolu 17, paragrafu 1, subparagrafu 3

Huma għandhom ikunu intitolati wkoll li jidħlu fil-bini ta' l-operaturi ekonomiċi konċernati jekk jidhrilhom li jkun meħtieġ għall-finijiet ta' l-Artikolu 14.

Huma għandhom ikunu intitolati wkoll li jidħlu fil-bini ta' l-operaturi ekonomiċi konċernati **u jieħdu kampjuni ta' prodotti** jekk jidhrilhom li jkun meħtieġ għall-finijiet ta' l-Artikolu 14.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Uħud mill-komponenti jew prodotti għall-konsumatur jistgħu ta' spiss jinbiegħu kollha f'bejgħ promozzjonali għand id-distribwutur qabel kwalunkwe lmenti jaslu għand l-awtoritajiet, u b'hekk ikollhom l-awtorità li jieħdu passi. Sabiex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jaqdu l-funzjoni tagħhom b'mod effettiv hemm bżonn ta' miżura li ttiehom id-dritt li jieħdu kampjun tal-prodotti mingħand kwalunkwe operatur ekonomiku għall-iskop li jevalwaw il-konformità mingħajr ma jistennew li jsir ilment uffiċjali.*

#### Emenda 21

##### Artikolu 19, paragrafu 1

1. Il-Kummissjoni għandha tassigura li kull miżura li tittieħed, skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja armonizzata rilevanti, li tipprojbixxi jew tillimita prodott milli jkun jista' jinkiseb, li jkun irtirat mis-suq jew li jittieħed lura, għandha *tiddijara ir-raġunijiet* preċiżi li fuqhom tkun ibbażata.

1. Il-Kummissjoni għandha tassigura li kull miżura li tittieħed, skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja armonizzata rilevanti, li tipprojbixxi jew tillimita prodott milli jkun jista' jinkiseb, li jkun irtirat mis-suq jew li jittieħed lura, għandha *tiddikjara r-raġunijiet* preċiżi li fuqhom tkun ibbażata, **u għandha tkun proporzjonata ma' l-grad ta' riskju għall-pubbliku.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Miżuri ta' intervent fis-suq għandhom impatt differenti fuq l-operaturi ekonomiċi; għalhekk dawn il-miżuri għandhom ikunu magħżula bir-reqqa u għandhom ikunu proporzjonati mal-livell ta' riskju għall-pubbliku. Diġà huma inklużi dispożizzjonijiet simili fid-Direttiva Ġenerali dwar is-Sikurezza tal-Prodotti.*

#### Emenda 22

##### Artikolu 22, paragrafu 2 a (ġdid)

**2a. Meta l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-swieq ta' Stat Membru jipprovdu informazzjoni lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-swieq ta' Stat Membru ieħor għandhom l-ewwel jikkuntatjaw l-operatur ekonomiku kkonċernat fl-indirizz iddikjarat fuq il-prodott kkonċernat jew fid-**

***dokumentazzjoni li takkumpanja l-prodotti. L-operatur ekonomiku għandu jkun mogħti perjodu ta' żmien raġjonevoli biex jirrispondi, li għandu jkun ta' tmienja u għoxrin jum f'każijiet fejn ma jkunx hemm riskju immedjat għas-saħħa u għas-sikurezza tal-pubbliku.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-operaturi ekonomiċi għandhom jingħataw il-possibilità li jirrispondu dwar il-pożizzjoni ta' l-awtoritajiet relevanti, partikularment meta Stati Membri oħra jkunu nvoluti wkoll b'hekk, il-proċedura jista' jkollha impatt sinifikanti fuq in-negozju tagħhom. Il-perjodu ta' 28 jum propost jipprova bilanċ raġjonevoli bejn il-bżonnijiet tal-korpi ta' infurzar u l-operaturi ekonomiċi. L-istess skadenza diġà qed tiġi applikata, eżempju, fl-implimentazzjoni tad-Direttiva mir-Renju Unit dwar l-użu ta' sustanzi perikolużi f'taġħmir elettriku u elettroniku u l-esperjeza wriet li hija xierqa.*

#### Emenda 23

Artikolu 24, paragrafu 1 a (ġdid)

***1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tad-dwana tagħhom ikollhom il-poteri kollha meħtieġa u r-riżorsi biex iwettqu l-funzjoni tagħhom kif xieraq.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex ikun hemm konsistenza u effiċjenza fil-qafas globali għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti, huwa suġġerit li tiġi introdotta dispożizzjoni simili għall-kontrolli ta' dwana kif stipulat għall-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-swieq taħt l-Artikolu 16 paragrafu 3.*

#### Emenda 24

Artikolu 25, paragrafu 1

1. Prodott li r-rilaxx tiegħu ikun ġie sospiż mill-awtoritajiet tad-dwana skond l-Artikolu 24, għandu jkun rilaxxjat jekk, fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mis-sospensjoni tar-rilaxx, l-awtoritajiet tad-dwana ma jkunux ġew notifikati b'kull azzjoni meħuda mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u jekk il-ħtiġijiet u l-formalitajiet l-oħra kollha li jkollhom x'jaqsmu ma dak ir-rilaxx ikunu tħarsu.

1. Prodott li r-rilaxx tiegħu ikun ġie sospiż mill-awtoritajiet tad-dwana skond l-Artikolu 24, għandu jkun rilaxxjat jekk, fi żmien **ħamest** ijiem tax-xogħol mis-sospensjoni tar-rilaxx, l-awtoritajiet tad-dwana ma jkunux ġew notifikati b'kull azzjoni meħuda mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u jekk il-ħtiġijiet u l-formalitajiet l-oħra kollha li jkollhom x'jaqsmu ma dak ir-rilaxx ikunu tħarsu.

## *Ġustifikazzjoni*

*L-iskadenza ta' tlett ijiem lanqas hi biżżejjed biex sempliċement ikun hemm skambju ta' korrispondenza bejn l-amministraturi pubbliċi kkonċernati; għalhekk, peress li s-sikurezza tal-pubbliku m'għandiex tkun affettwata minn ittardjar amministrattivi, l-iskadenza għandha tkun estiża.*

### Emenda 25 Artikolu 26, paragrafu 2

2. Fejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq isibu li l-prodott kkonċernat ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet Komunitarji armonizzati, huma għandhom jieħdu azzjoni xierqa li tista' tinkludi, **jekk ikun meħtieġ**, il-projbizzjoni li l-prodott ma jitqiegħedx fis-suq.

**Fil-każijiet** fejn it-tqegħid fis-suq huwa pprojbit, huma għandhom **jitolbu** lill-awtoritajiet tad-dwana biex jinkludu d-dikjarazzjoni li ġejja fil-fattura kummerċjali li tkun takkumpanja l-prodott u fuq kull dokument ieħor rilevanti li jkun jakkompanjah:

‘Prodott mhux konformi – mhux awtorizzat rilaxx għal ċirkolazzjoni libera – Regolament (KE) Nru .../...’.

2. Fejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq isibu li l-prodott kkonċernat ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet Komunitarji armonizzati, huma għandhom jieħdu azzjoni xierqa li tista' tinkludi l-projbizzjoni *tal-prodott mill-jitqiegħed fis-suq*.

**Fil-każijiet** fejn it-tqegħid fis-suq huwa pprojbit, huma għandhom **jagħtu istruzzjonijiet** lill-awtoritajiet tad-dwana **biex ma jirrilaxxjawx il-prodott ikkonċernat biex jiċċirkola b'mod liberu u** biex jinkludu d-dikjarazzjoni li ġejja fil-fattura kummerċjali li tkun takkumpanja l-prodott u fuq kull dokument ieħor rilevanti li jkun jakkompanjah:

‘Prodott mhux konformi – mhux awtorizzat rilaxx għal ċirkolazzjoni libera – Regolament (KE) Nru .../...’.

## *Ġustifikazzjoni*

*Hemm bżonn ta' istruzzjonijiet espliċiti mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-swieq u hemm bżonn ta' azzjoni espliċita mill-awtoritajiet tad-dwana biex tkun evitata ċ-ċirkolazzjoni libera ta' prodotti li ma jikkonformawx. Mhux probabbli, imma mhux impossibbli, li prodott mhux awtorizzat ikun rilaxxat biex jiċċirkola b'mod liberu fl-assenza ta' tali azzjoni espliċita.*

### Emenda 26 Kapitolu III, Taqsima 3 a (ġdida), Titolu (wara l-Artikolu 26)

#### ***Konformità tal-prodotti - l-immarkar CE***

## *Ġustifikazzjoni*

*L-immarkar CE jeħtieġ protezzjoni aħjar. Peress li s-sinifikat tal-marka CE mhix miġhuma sew, qed jiżdiedu l-prodotti li jkollhom il-marka CE imma ma jikkonformawx mal-leġiżlazzjoni rilevanti. Għalhekk huwa fl-interess komuni tal-produtturi, tan-negozjanti u tal-konsumaturi li jkun hemm regoli ċar dwar il-marka CE. Sabiex dawn ir-regoli jkunu applikati mill-ewwel u biex ma jkunux suġġetti għal leġiżlazzjoni futura, l-Artikoli 16-17 tad-Deċiżjoni għandhom ikunu trasferiti fir-Regolament.*

Emenda 27  
Artikolu 26 a (ġdid)

### *Artikolu 26a*

#### *Prinċipju Ġenerali ta' l-immarkar CE*

**1. Il-marka CE għandha ssir biss mill-produttur jew minn rappreżentant awtorizzat tiegħu.**

*Bit-tqegħid jew billi tkun imqiegħda l-marka CE, il-produttur jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti stipulati fid-Deċiżjoni Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ... [qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti]<sup>1</sup>.*

**2. Il-marka CE għandu tkun l-unika marka li tiċċertifika li l-prodotti jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli. L-Istati Membri m'għandhomx jintroduċu fil-liġi nazzjonali tagħhom u għandhom jirritraw kwalukwe referenza għal marka ta' konformità differenti mill-marka CE b'konnessjoni mad-dispożizzjonijiet dwar il-konformità fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità rigward il-marka CE.**

**3. L-immarkar fuq il-prodotti b'marki, sinjali u iskrizzjonijiet li jistgħu jfixklu dwar is-sinifikat jew il-forma tal-marka CE huma projbiti. Jistgħu jitwaħħlu marki oħra li ma jfixklux il-viżibiltà, il-legibiltà u t-tifsira tal-marka CE.**

---

<sup>1</sup> ĠU L...

## *Ġustifikazzjoni*


*L-immarkar CE jeħtieġ protezzjoni aħjar. Peress li s-sinifikat tal-marka CE mhix mifhuma sew, qed jiżdiedu l-prodotti li jkollhom il-marka CE imma ma jikkonformawx mal-leġislazzjoni rilevanti. Għalhekk huwa fl-interess komuni tal-produtturi, tan-negozjanti u tal-konsumaturi li jkun hemm regoli ċar dwar il-marka CE. Sabiex dawn ir-regoli jkunu applikati mill-ewwel u biex ma jkunux suġġetti għal leġislazzjoni futura, l-Artikoli 16-17 tad-Deċiżjoni għandhom ikunu trasferiti fir-Regolament.*

Emenda 28  
Artikolu 26 b (ġdid)

### *Artikolu 26b*

#### *Regoli u kundizzjonijiet għat-twaħħil tal-marka CE*

**1. Il-marka CE tikkonsisti mill-inizjali "CE" li huma kif ġej:**



**2. Jekk il-marka CE tiġi mċekkna jew imkabbra jridu jiġu rrispettat l-proporzjonijiet kif jidhru fit-tpiġġija fil-paragrafu 1.**

**3. Meta ma jkunx hemm leġislazzjoni speċifika li timponi dimensjonijiet speċifiċi, il-marka CE jrid tkun mill-anqas 5mm għolja.**

**4. Il-marka CE għandha titwaħħal fuq il-prodott jew fuq it-tabella tad-dejta tiegħu, b'mod li jidher, li jista' jinqara u ċar u li ma jistax jitħassar. Meta dan mhux possibbli jew mhux rikjest minħabba n-natura tal-prodott, għandha titwaħħal fuq il-pakkett u fuq id-dokumenti li jakkompanjaw il-prodott, fil-każijiet li l-leġislazzjoni kkonċernata tipprovdi għal tali dokumenti.**

*5. Il-marka CE għandha titwaħħal qabel il-prodott jitqiegħed fis-suq. Jista' jkun hemm ukoll, wara l-marka CE, simboli bl-istampi jew kwalukwe marka oħra li tindika riskju jew użu speċjali.*

*6. Il-marka CE għandha tkun akkumpanjata minn numru ta' identifikazzjoni ta' l-entità ta' evalwazzjoni u/jew kwalunkwe entità oħra involuta fil-fażi ta' kontroll tal-produzzjoni.*

*In-numru ta' identifikazzjoni ta' tali entità għandu jitwaħħal mill-entità nnifisha jew skont l-istruzzjonijiet, mill-produttur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità.*

*7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni korretta tar-reġim dwar il-marka CE u, jieħdu azzjoni legali fil-każ ta' użu ħażin. L-Istati Membri għandhom ukoll jistipulaw pieni, li jistħgu jinkludu pieni kriminali, għal infrazzjonijiet serji, li jridu jkun proporzjonati mal-gravità tarreat u jikkostitwixxu deterrent kontra l-użu ħażin.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-immarkar CE jeħtieġ protezzjoni aħjar. Peress li s-sinifikat tal-marka CE mhix miġhuma sew, qed jiżdiedu l-prodotti li jkollhom il-marka CE imma ma jikkonformawx mal-leġiżlazzjoni rilevanti. Għalhekk huwa fl-interess komuni tal-produtturi, tan-negozjanti u tal-konsumaturi li jkun hemm regoli ċar dwar il-marka CE. Sabiex dawn ir-regoli jkun applikati mill-ewwel u biex ma jkunux suġġetti għal leġiżlazzjoni futura, l-Artikoli 16-17 tad-Deċiżjoni għandhom ikunu trasferiti fir-Regolament.*

#### *Emenda 29*

#### *Dispożizzjonijeit finali, Titolu*

*Dispożizzjonijiet finali*

*Dispożizzjonijiet ta' emendi u finali*

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar l-entitajiet innotifikati u n-numri ta' identifikazzjoni tagħhom fir-Regolament jagħtu immedjatament ċertezza legali lill-applikazzjoni Prattika attwali tal-proċedura ta' notifika. Dan jirrikjedi test speċifiku li jemenda d-Direttivi eżistenti b'hekk it-titolu jrid ikun emendat.*

*Artikolu 33a*

*Artikolu 9 (1), it-tieni sentenza tad-Directive 87/404/KEE; Artikolu 9 (2), it-tieni sentenza tad-Directive 88/378/KEE; Artikolu 9(1) tad-Direttiva 89/686/KEE, Artikolu 9 (1), it-tieni sentenza tad-Direttiva 90/384/KEE; Artikolu 11(1), subparagrafu 2, tad-Direttiva 90/385/KEE; Artikolu 9(1), subparagrafu 2, tad-Direttiva 90/396/KEE; Artikolu 8 (1), subparagrafu 2 u 3 tad-Direttiva 92/42/KEE, Artikolu 6 (2), subparagrafu 2 tad-Direttiva 93/15/KEE; Artikolu 16 (1), subparagrafu 2, tad-Direttiva 93/42/KEE; Artikolu 9(1), subparagrafu 2, tad-Direttiva 94/9/KEE; Artikolu 9(1), subparagrafu 2, tad-Direttiva 94/25/KEE; Artikolu 9(1), subparagrafu 2, tad-Direttiva 95/16/KEE; Artikolu 20(1), subparagrafu 2, tad-Direttiva 96/48/KEE; Artikolu 12(1), subparagrafu 2, tad-Direttiva 97/23/KEE; Artikolu 9(1), subparagrafu 2, tad-Direttiva 98/37/KEE; Artikolu 15(1), subparagrafu 2, tad-Direttiva 98/79/KEE; Artikolu 8 (1), subparagrafu 2, tad-Direttiva 99/36/KEE; Artikolu 15 (4) tad-Direttiva 2000/14/KE; Artikolu 11 (4) tad-Direttiva 2004/22/KE; u l-Artikolu 12 (3) tad-Direttiva 2004/108/KE huma sossitwiti b'li ġej:*

*"Il-Kummissjoni għandha tassenja numru ta' identifikazzjoni lil entità notifikata. Għandha tassenja tali numru singolu anki meta l-entità tkun notifikata taħt diversi atti Komunitarja. Il-Kummissjoni għandha tagħmel pubblika l-lista ta' l-entitajiet inklużi n-numri ta' identifikazzjoni li ingħatawlhom u l-attivitajiet li għalihom ġew innotifikati. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li din il-ilsta tinżamm aġġornata."*

*Ġustifikazzjoni*

*L-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar l-entitajiet innotifikati u n-numri ta' identifikazzjoni tagħhom fir-Regolament jagħtu immedjatament ċertezza legali lill-applikazzjoni Prattika*

*attwali tal-proċedura ta' notifika. Dan jitlob test speċifiku li jemenda d-Direttivi eżistenti.*

Emenda 31  
Artikolu 33 b (ġdid)

**Artikolu 33b**

**(1) Artikolu 10(3) tad-Direttiva 89/106  
huwa ssostitwit b'li ġej:**

**"Il-lista ta' entitajiet ta' approvazzjoni li  
huma kompetenti biex jagħtu  
approvazzjonijiet tekniċi, kif ukoll  
kwalunkwe emendi li jsiru fil-lista  
għandhom ikunu pubbliċi."**

**(2) Artikolu 18(1) it-tieni paragrafu tad-  
Direttiva 89/106 huwa ssostitwit b'li ġej:**

**"Il-Kummissjoni għandha tassenja numru  
ta' identifikazzjoni lil entità notifikata.  
Għandha tassenja tali numru singolu anki  
meta l-entità tkun notifikata taħt diversi atti  
Komunitarja. Il-Kummissjoni għandha  
tagħmel pubblika l-lista ta' l-entitajiet  
inklużi n-numri ta' identifikazzjoni li  
ingħatawllhom u l-attivitajiet u l-prodotti li  
għalihom ġew innotifikati. Il-Kummissjoni  
għandha tiżgura li din il-ilsta tinżamm  
aġġornata."**

**(3) Artikolu 13(1) it-tieni paragrafu tad-  
Direttiva 97/23/KE huwa ssostitwit b'li ġej:**

**"Il-Kummissjoni għandha tippubblika list  
ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti bil-  
funzjoni li għaliha huma rikonoxxuti. Il-  
Kummissjoni għandha tiżgura li din il-ilsta  
tinżamm aġġornata."**

**(4) Artikolu 11(3) tad-Direttiva 99/5/KE  
huwa ssostitwit b'li ġej:**

**"Il-Kummissjoni għandha tassenja numru  
ta' identifikazzjoni lil entità notifikata.  
Għandha tassenja tali numru singolu anki  
meta l-entità tkun notifikata taħt diversi atti  
Komunitarja. Il-Kummissjoni għandha  
tagħmel pubblika l-lista ta' l-entitajiet  
inklużi n-numri ta' identifikazzjoni li  
ingħatawllhom u l-attivitajiet li għalihom  
ġew innotifikati. Il-Kummissjoni għandha**

*wkoll tippubblika lista ta' awtoritajiet ta' sorveljanza. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni kollha neċċessarja biex iżżom dawn il-listi aġġornati."*

*(5) Artikolu 9(1) it-tielet paragrafu tad-Direttiva 99/36/KE huwa sossstitwit b'li ġej:*

*Il-Kummissjoni għandha tagħmel pubblika l-lista ta' l-entitajiet approvati inklużi n-numri ta' identifikazzjoni li inghatawllhom u l-attivitajiet li għalihom ġew innotifikati. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li din il-lista tinżamm aġġornata."*

*(6) Fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2000/9/KE, fl-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2001/16/KE u fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 552/2004, il-kliem "Il-Kummissjoni għandha tippubblika fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea" huwa sostitwiti bil-kliem "Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku".*

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar l-entitajiet innotifikati u n-numri ta' identifikazzjoni tagħhom fir-Regolament jagħtu immedjatament ċertezza legali lill-applikazzjoni Prattika attwali tal-proċedura ta' notifika. Dan jitlob test speċifiku li jemenda d-Direttivi eżistenti.*

Emenda 32

Artikolu 34

Biex titħaffef l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tagħmel linji ta' gwida.

Biex titħaffef l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tagħmel linji ta' gwida **wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-partijiet interessati għandhom ikunu kkonsultati mill-Kummissjoni waqt it-tifsil tal-linji gwida għall-implimentazzjoni.*